**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-23 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 358/2021 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**CS**

**vs**

**OW**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CS, datat 12 ta' Awissu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar l-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) f'San Giljan, Malta, kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A.*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ twieldu il-minuri JW nhar X u EW nhar Y u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid tal-ulied hawn annessi u mmarkati Dok B u Dok C rispettivament.*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor James Grech datat l-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018); vera kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala Dok D.*

4. *Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment kemm fir-rigward ta' ulied il-partijiet, kif ukoll bejn il-kontendenti fil-konfront ta' manteniment pagabbli lil xulxin.*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra illi ilhom legalment separati mis-sena elfejn u tmintax (2018), il-partijiet illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

7. *Illi l-esponenti qieghda tannetti affidavit taghha, ma dan ir-rikors, mmarkat Dok E.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onor. Qorti jogħġobha:*

A. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap16 tal-Liġijiet ta' Malta u*

B. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' OW datata 28 ta' Jannar 2022, a fol 28 li taqra hekk:

*Illi permezz taghha huwa qieghed jippresenta affidavit tieghu, fejn qieghed jiddikjara li huwa jaqbel mat-talba ghall-divorzju u huwa jikkonferma li m'ghandu l-ebda provi x'jippresenta. L-affidavit mmarkat Dok A.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tal-attrici datata 3 ta' Marzu 2022;

Rat in-nota tal-intimat datata 9 ta' Marzu 2022;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CS xehdet** (vide affidavit fol 22) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-20 ta' April 2013 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Novembru 2018 fl-atti tan-Nutar Dr James Grech. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**OW xehed** (vide affidavit fol 29) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' April 2013, liema zwieg jgib certifikat numru 590/2013 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg

ma twieldu zewgt ulied, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar James Grech nhar l-20 ta' Novembru 2018 (vide Dok. D fol 6 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 590/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**